DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/665

tal-21 ta' April 2015

dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi ta' Stati terzi għall-Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA) (EUMAM RCA/2/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/78 tad-19 ta' Jannar 2015 dwar Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/78, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi proposti minn Stati terzi.

(2) Wara rakkomandazzjoni dwar l-offerti ta' kontributi tar-Repubblika tal-Moldova ("Moldova") u l-Georgia mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE tal-EUMAM RCA u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, dawk l-offerti għandhom jiġu aċċettati.

(3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-offerti ta' kontributi tal-Moldova u tal-Georgia għall-Missjoni Konsultattiva Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUMAM RCA) huma aċċettati u huma kkunsidrati bħala sinifikanti.

2. Il-Moldova u l-Georgia huma eżentati minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' EUMAM RCA.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
W. STEVENS

([1]) ĠU L 13, 20.1.2015, p. 8.